MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 314/2004

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Andrew Zarb**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm224.22 (mitejn u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'arblu tad-dawl.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm224.22) rapprezentanti danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici u kagunati mill-konvenut

f’arblu tad-dawl liema danni gew ikkawzati nhar id-29 ta’ Novembru 2001 gewwa Triq Santa Theresa, Bormla.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2003, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi, fl-ewwel lok, it-talba attrici hija preskritta *ai termini* ta’ l-Atikolu 2153 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi, fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni msemmija fl-Avviz u ghaldaqstant m’ghandu jaghti xejn lill-Korporazzjoni attrici;

Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni msemmija fl-Avviz u ghaldaqstant m'’handu jaghti xejn lill-Korporazzjoni attrici;

Illi, fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-*quantum* tad-danni pretiz mill-Korporazzjoni attrici huwwa esagerat;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kontestazzjoni tirrigwardja aktar il-quantum tad-danni milli konkluzjonjiet ohra.

“A tempo vergine”, kien il-konvenut li mar jaghmel ir-rapport ex admissis, ammetta li dahal fil-pilastru. Jirrizulta mir-rapport a Fol. 20 u l-kont tal-hsara a Fol 14 li l-konvenut ma pprezenta l-ebda gustifikazzjoni ghaliex ma ghandux ihallas l-istess ammont. Il-Korporazzjoni attrici

ppruvat il-kaz taghha aktar milli fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, u jikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm224.21), bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------